SENTENZA TAL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (It-Tielet Awla)

18 ta’ Ottubru 2012*

“VAT — Direttiva 2006/112/KE — Artikolu 183 — Modalitajiet għar-rimbors tal-eċċess tal-VAT — Leġiżlazzjoni nazzjonali li tipposponi r-rimbors ta’ parti mill-eċċess ta’ VAT sal-eżami tad-dikjarazzjoni tat-taxxa annwali tal-persuna taxxabbli — Prinċipji ta’ newtralità fiskali u ta’ proporzjonalità”

Fil-Kawża C-525/11,

li għandha bħala suġġett talba għal deċiżjoni preliminari skont l-Artikolu 267 TFUE, imressqa mill-Augstākās tiesas Senāts (il-Latvja) permezz ta’ deċiżjoni tal-10 ta’ Ottubru 2011, li waslet fil-Qorti tal-Ġustizzja fis-17 ta’ Ottubru 2011, fil-proċedura

**Mednis SIA**

vs

**Valsts ieņēmumu dienests,**

IL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (It-Tielet Awla),

komposta minn K. Lenaerts (Relatur), li qed jeżerċita l-funzjoni ta’ President tat-Tielet Awla, E. Juhász, G. Arestis, T. von Danwitz u D. Šváby, Imħallfin,

Avukat Ġenerali: Y. Bot,

Reġistratur: C. Strömholm, Amministratur,

wara li rat il-proċedura bil-miktub u wara s-seduta tal-11 ta’ Lulju 2012,

wara li kkunsidrat l-osservazzjonijiet ippreżentati:

— għal Mednis SIA, minn V. Gargažins, avukat, u N. Krupeņiča,

— għall-Valsts ieņēmumu dienests, minn N. Jezdakova u M. Kuzenko, bħala aġenti,

— għall-Gvern Latvjan, minn I. Kalniņš u K. Freimanis, bħala aġenti,

— għall-Kummissjoni Ewropea, minn A. Sauka u C. Soulay, bħala aġenti,

wara li rat id-deċiżjoni, meħuda wara li nstema’ l-Avukat Ġenerali, li l-kawża tinqata’ mingħajr konklużjonijiet

tagħti l-preżenti

* Lingwa tal-kawża: il-Latvjan.

# Sentenza

1 It-talba għal domanda preliminari tirrigwarda l-interpretazzjoni tal-Artikolu 183 tad-Direttiva tal-Kunsill 2006/112/KE, tat-28 ta' Novembru 2006, dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud (ĠU L 347, p. 1)

2 Din it-talba tressqet fil-kuntest ta' kawża bejn Mednis SIA, kumpannija Latvjana (iktar 'il quddiem "Mednis"), u l-Valsts ieņēmumu dienests (dipartiment nazzjonali tat-taxxi, iktar 'il quddiem il-"VID"), dwar talba għar-rimbors ta' ammont li jikkorrispondi għal taxxa fuq il-valur miżjud (iktar 'il quddiem il-"VAT") miġbura żejda.

## Il-kuntest ġuridiku

### *Id-dritt tal-Unjoni*

3 L-ewwel paragrafu tal-Artikolu 183 tad-Direttiva 2006/112 jipprovdi:

"Fejn, għal perijodu partikolari ta' taxxa, l-ammont ta' tnaqqis jeċċedi l-ammont tal-VAT dovuta, l-Istati Membri jistgħu, b'konformità mal-metodi li huma għandhom jiddeterminaw, jew jagħtu rimbors jew jgħaddu l-eċċess għall-perijodu sussegwenti."

4 Skont l-Artikolu 252(2) tad-Direttiva 2006/112:

"Il-perijodu fiskali [taxxabbli] għandu jkun stabbilit minn kull Stat Membru f'xahar, f'xahrejn jew f'tliet xhur.

L-Istati Membri jistgħu, madankollu, jistabbilixxu perijodi fiskali differenti sakemm dawn ma jaqbżux sena."

### *Id-dritt Latvjan*

5 Il-Liġi dwar it-taxxa fuq il-valur miżjud (Likuma "Par pievienotās vērtības nodokli", *Latvijas Vēstnesis*, 1995, n°49), fil-verżjoni tagħha applikabbli għall-fatti fil-kawża prinċipali (iktar 'il quddiem il-"Liġi dwar il-VAT"), tipprovdi, fl-Artikolu 9(1) tagħha, li l-perijodu taxxabbli jikkorrispondi għal xahar kalendarju. Skont l-Artikolu 9(5), il-komputazzjoni fiskali annwali hija fformata mis-somma tal-perijodi taxxabbli fuq sena kalendarja.

6 L-Artikolu 11(1) tal-Liġi dwar il-VAT jipprovdi li l-persuna taxxabbli għandha tippreżenta lill-VID dikjarazzjoni tat-taxxa li tiġbor il-kalkolu tat-taxxa għal perijodu taxxabbli fil-ħmistax-il jum wara t-tmiem tal-imsemmi perijodu, sakemm din il-liġi ma tipprovdix mod ieħor. L-Artikolu 11(6) tal-imsemmija liġi jipprovdi li l-persuna taxxabbli għandha tippreżenta lill-VID dikjarazzjoni fir-rigward tal-komputazzjoni fiskali annwali qabel l-1 ta' Mejju tas-sena suċċessiva.

7 Skont l-Artikolu 12(1) tal-Liġi dwar il-VAT, il-persuna taxxabbli għandha tħallas it-taxxa għall-perijodu taxxabbli lit-Teżor fi żmien ħmistax-il jum wara t-tmiem tal-imsemmi perijodu.

8 L-Artikolu 12(11) tal-imsemmija liġi jipprovdi li l-VID huwa tenut jirrimborsa lill-persuna taxxabbli t-taxxa miġbura żejda — jiġifieri d-differenza bejn it-taxxa kkalkolata u l-akkont ta' taxxa mħallsa — fi żmien tletin jum li jibdew jiddekorru minn meta tasal it-talba mmotivata b'dokumenti ta' sostenn.

9 L-Artikolu 12(11)(i) ta' din il-liġi jipprovdi madankollu li huwa legali li l-VID jipposponi r-rimbors tat-taxxa miġbura żejda jew fil-każ li tiġi adottata deċiżjoni sabiex tinfetaħ investigazzjoni dwar it-taxxa mħallsa mill-persuna taxxabbli minħabba tranżazzjonijiet li l-verifika tagħhom tkun teħtieġ informazzjoni addizzjonali, jew meta l-persuni li huma meqjusa li jkunu relatati ma' persuna taxxabbli skont l-Artikolu 1(18) tal-Liġi dwar it-taxxi (Likuma "Par nodokļiem un nodevām"), ikollhom debitu ta' VAT fir-rigward tat-Teżor, jew meta persuna ma tkunx f'pożizzjoni li ġġib il-prova dokumentarja għall-fondatezza tat-talba tagħha għall-applikazzjoni ta' rata tat-taxxa żero.

10 L-Artikolu 36(14) tal-Liġi dwar il-VAT jagħti setgħa lill-Kabinett tal-Ministri li jiffissa limiti għall-ammont ta' rimbors tal-VAT miġbura żejda kif ukoll il-kundizzjonijiet li fihom ma japplika ebda limitu għal dan ir-rimbors.

11 Il-Kabinett tal-Ministri adotta d-Digriet Nru 933, tal-14 ta' Novembru 2006, li jistabbilixxi dispożizzjonijiet għall-implimentazzjoni tal-Liġi dwar it-taxxa fuq il-valur miżjud (Ministru kabineta 2006. gada 14. novembra noteikumu Nru 933 "Likuma 'Par pievienotās vērtības nodokli' normu piemērošanas kārtība", Latvijas Vēstnesis, 2006, Nru 191, iktar 'il quddiem id-"Digriet Nru 933").

12 L-imsemmi digriet jinkludi Artikolu 285 li huwa fformulat kif ġej:

"Għall-finijiet tal-applikazzjoni tal-Artikolu 12(11) tal-Liġi, il-[VID] jista' jastjeni milli jirrimborsa [...] il-parti tal-VAT miġbura żejda li teċċedi 18 % tal-valur totali tat-tranżazzjonijiet taxxabbli magħmula matul dawn ix-xhur fiskali (filwaqt li jittieħed kont, fil-perijodi taxxabbli, tal-ammonti diġà rrimborsati). L-ammont li jifdal tal-VAT miġbura żejda hija rrimborsata mit-Teżor fuq il-bażi tad-dikjarazzjoni tat-taxxa annwali."

**Il-fatti li wasslu għall-kawża prinċipali u d-domanda preliminari**

13 Fis-7 u fl-14 ta' Diċembru 2007, Mednis ressqet quddiem il-VID talbiet għal rimbors fl-ammont totali ta' LVL 2081.79, li jikkorrispondu għall-VAT miġbura żejda għax-xahar ta' Novembru 2007.

14 Il-VID irrifjuta r-rimbors fl-ammont ta' LVL 1455.82. Filwaqt li bbaża ruħu fuq l-Artikolu 285 tad-Digriet Nru 933, huwa adotta d-Deċiżjoni Nru 19/11599, tat-22 ta' April 2008 (iktar 'il quddiem id-"deċiżjoni kkontestata"), li fiha mmotiva dan ir-rifjut bil-fatt li, matul il-perijodu li fih akkumulat il-VAT miġbura żejda, parti minn din kienet taqbeż 18 % tal-valur totali tat-tranżazzjonijiet taxxabbli magħmula matul ix-xahar inkwistjoni.

15 Mednis irrikorriet għand l-Administratīvā rajona tiesa (Qorti amministrattiva tad-distrett) b'rikors għall-annullament tad-deċiżjoni kkontestata.

16 Permezz ta' sentenza tas-7 ta' Lulju 2009, l-Administratīvā rajona tiesa ċaħdet dan ir-rikors, filwaqt li qieset li r-rifjut min-naħa tal-VID li jirrimborsa lil Mednis l-ammont sħiħ tal-VAT miġbura żejda kien konformi mal-Artikolu 285 tad-Digriet Nru 933.

17 Permezz ta' sentenza tat-3 ta' Ġunju 2010, l-Administratīvā apgabaltiesa (Qorti amministrattiva reġjonali) ċaħdet l-appell ta' Mednis. Hija kkonfermat il-motivazzjoni mogħtija mill-qorti tal-ewwel istanza, filwaqt li żiedet li l-proroga tat-terminu li fih il-VID kien tenut li jirrimborsa l-ammont ta' VAT miġbura żejda lill-persuna taxxabbli issegwi għan leġittimu marbut mal-interess tat-Teżor li jillimita d-dritt tal-persuna taxxabbli għar-rimbors tal-VAT jekk jiġi stabbilit li t-taxxa mogħtija lit-Teżor hija nettament inferjuri għal dik li huwa stess għandu jirrimborsa.

18 Mednis ippreżentat appell ta' kassazzjoni quddiem l-Augstākās tiesas Senāts kontra din s-sentenza.

19 Il-qorti tar-rinviju tirrileva li, skont l-Artikolu 285 tad-Digriet Nru 933, kif applikat fil-prattika mill-VID, meta jkun jidher li l-VAT miġbura żejda teċċedi l-perċentwali speċifikata f'din id-dispożizzjoni, il-parti li teċċedi ma hijiex rrimborsata lill-persuna taxxabbli sakemm il-VID ma jkunx eżamina d-dikjarazzjoni tat-taxxa annwali ta' din tal-aħħar. Fid-dawl taċ-ċirkustanzi ta' dan il-każ, il-persuna taxxabbli tkun kostretta tistenna iktar minn sena għar-rimbors tal-VAT miġbura żejda, u dan għas-sempliċi raġuni li din teċċedi r-rata ġenerali tal-VAT.

20 Il-qorti tar-rinviju għandha dubji dwar il-konformità tal-leġiżlazzjoni u tal-prassi kkonċernati mal-prinċipji ta' newtralità u ta' proporzjonalità li jirriżultaw mill-Artikolu 183 tad-Direttiva 2006/112, fid-dawl tal-fatt li dawn jimplikaw li d-deċiżjoni li jiġi pospost ir-rimbors tal-VAT miġbura żejda hija adottata mingħajr eżami taċ-ċirkustanzi tal-każ u mingħajr ma jittieħed inkunsiderazzjoni l-perijodu ta' stennija kurrenti sal-eżami tad-dikjarazzjoni tat-taxxa annwali.

21 F'dawn iċ-ċirkustanzi, l-Augstākās tiesas Senāts iddeċidiet li tissospendi l-proċeduri quddiemha u li tagħmel id-domanda preliminari li ġejja lill-Qorti tal-Ġustizzja:

"L-Artikolu 183 tad-Direttiva 2006/112/KE [...] jawtorizza lill-Istati Membri, mingħajr evalwazzjoni speċifika, u fuq il-bażi biss ta' kalkoli matematiċi, li jirrifjutaw ir-rimbors ta' dik il-parti ta' VAT miġbura żejda li taqbeż it-18 % (li tikkorrispondi għar-rata standard tal-VAT) tal-valur totali tat-tranżazzjonijiet taxxabbli mwettqa matul ix-xhur fiskali inkwistjoni, sakemm l-amministrazzjoni fiskali nazzjonali tirċievi d-dikjarazzjoni tat-taxxa annwali tal-persuna taxxabbli [għall-VAT]?"

## Fuq id-domanda preliminari

22 Permezz tad-domanda tagħha, il-qorti tar-rinviju essenzjalment tistaqsi jekk l-Artikolu 183 tad-Direttiva 2006/112 għandux jiġi interpretat fis-sens li jawtorizza lill-amministrazzjoni fiskali ta' Stat Membru tipposponi, mingħajr evalwazzjoni speċifika u fuq il-bażi biss ta' kalkoli matematiċi, ir-rimbors ta' parti mill-VAT miġbura żejda matul perijodu taxxabbli, sal-eżami tad-dikjarazzjoni tat-taxxa annwali tal-persuna taxxabbli minn din l-amministrazzjoni.

23 F'dan ir-rigward, għandu jitfakkar li l-libertà li għandhom l-Istati Membri, abbażi tal-kliem stess tal-Artikolu 183 tad-Direttiva 2006/112, fid-determinazzjoni tal-metodi tar-rimbors tal-eċċess tal-VAT ma tfissirx li dawn il-metodi ma huma suġġetti għal ebda stħarriġ fir-rigward tad-dritt tal-Unjoni (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tat-28 ta' Lulju 2011, Il-Kummissjoni vs L-Ungerija, C-274/10, Ġabra p. I-7289, punti 39 u 40, kif ukoll il-ġurisprudenza ċċitata).

24 Dawn il-metodi ma jistgħux jippreġudikaw il-prinċipju ta' newtralità fiskali billi jġiegħlu l-persuna taxxabbli terfa' b'mod sħiħ jew parzjali l-piż tal-VAT. B'mod partikolari, dawn għandhom jippermettu lill-persuna taxxabbli li tirkupra, taħt kundizzjonijiet xierqa, il-kreditu kollu li jirriżulta mill-eċċess tal-VAT. Dan jimplika li r-rimbors għandu jsir f'terminu raġonevoli, permezz ta' ħlas fi flus jew b'mod ekwivalenti, u li, fi kwalunkwe każ, il-metodu ta' rimbors adottat ma għandu joħloq ebda riskju finanzjarju għall-persuna taxxabbli (ara, b'mod partikolari, is-sentenzi tal-25 ta' Ottubru 2001, Il-Kummissjoni vs L-Italja, C-78/00, Ġabra p. I-8195, punti 33 u 34; tal-10 ta' Lulju 2008, Sosnowska, C-25/07, Ġabra. p. I-5129, punt 17; tat-12 ta' Mejju 2011, Enel Maritsa Iztok 3, C-107/10, Ġabra p. I-3873, punt 33, u Il-Kummissjoni vs L-Ungerija, iċċitata iktar 'il fuq, punt 45).

25 Huwa minnu li l-posponiment tar-rimbors tal-eċċess tal-VAT fuq diversi perijodi ta' taxxa sussegwenti għal dak li fih jimmaterjalizza dan l-eċċess ma huwiex neċessarjament inkompatibbli mal-ewwel paragrafu tal-Artikolu 183 tad-Direttiva 2006/112 (ara, f'dan is-sens, is-sentenzi ċċitati iktar 'il fuq Enel Maritsa Iztok 3, punt 49, u Il-Kummissjoni vs L-Ungerija, punt 55).

26 Madankollu, fil-kawża prinċipali, filwaqt li l-perijodu taxxabbli huwa bħala prinċipju ffissat, skont l-Artikolu 9(1) tal-Liġi dwar il-VAT, fuq xahar kalendarju, l-applikazzjoni tal-Artikolu 285 tad-Digriet Nru 933 tista' tirriżulta, kif enfasizzaw kemm il-qorti tar-rinviju u kemm il-Kummissjoni Ewropea, għal sitwazzjoni fejn il-persuni taxxabbli ma jakkwistawx rimbors sħiħ tal-eċċess tal-VAT sa sena jew iktar wara l-perijodu taxxabbli li matulu jkun irriżulta dan l-eċċess.

27 Dan it-tul ta' żmien, li matulu l-persuni taxxabbli jkollhom, tal-inqas sal-parti li taqbeż il-perċentwali indikata fl-imsemmi Artikolu 285, iġorru l-piż finanzjarju tal-VAT, ma jistax jiġi kkunsidrat bħala raġonevoli (ara, f'dan is-sens, is-sentenzi ċċitati iktar 'il fuq Sosnowska, punti 20 u 27, kif ukoll Enel Maritsa Iztok 3, punt 55). Konsegwentement, dan jippreġudika l-prinċipju ta' newtralità fiskali, imfakkar fil-punt 24 tas-sentenza preżenti.

28 Il-VID u l-Gvern Latvjan jargumentaw li l-Artikolu 285 tad-Digriet Nru 933 huwa intiż li jelimina r-riskju ta' frodi jew ta' evażjoni tat-taxxa u, fil-prattika, huwa applikat biss fil-preżenza ta' elementi ta' natura li jistabbilixxu l-eżistenza ta' tali riskju. Dan tal-aħħar ikun jeżisti, b'mod partikolari, meta t-tip ta' attivitajiet ekonomiċi eżerċitati mill-persuna taxxabbli ma jagħtux lok b'mod regolari għal eċċessi tal-VAT jew meta l-ammont tal-VAT imħallas lit-Teżor minn din tal-aħħar huwa sostanzjalment iktar baxx minn dak tal-VAT rimborsabbli.

29 Il-VID u l-Gvern Latvjan isostnu li l-applikazzjoni ta' dan l-Artikolu 285, fil-kawża prinċipali, kienet preċiżament iġġustifikata mill-fatt li l-VID kien identifika riskju ta' frodi fuq il-VAT u dan minħabba li mill-eżami tat-talba għar-rimbors ta' Mednis kien wasal għall-konstatazzjoni li l-applikazzjoni ta' rata ta' VAT żero kienet fil-parti l-kbira tagħha wasslet għall-eċċess sinjifikattiv tal-VAT imħallas minn din il-kumpannija.

30 Matul is-seduta, il-VID u l-imsemmi gvern allegaw ukoll li kien biss f'numru limitat ta' każijiet li, minħabba indizji ta' frodi jew ta' evażjoni tat-taxxa, il-VID kien ippospona l-VAT miġbura żejda li teċċedi l-perċentwali indikata fl-imsemmi Artikolu 285 sal-eżami tad-dikjarazzjoni tat-taxxa annwali tal-persuna taxxabbli.

31 F'dan ir-rigward, huwa minnu li l-Istati Membri għandhom interess leġittmu li jieħdu l-miżuri xierqa sabiex iħarsu l-interessi finanzjarji tagħhom u li l-ġlieda kontra l-frodi, l-evażjoni tat-taxxa u l-eventwali abbużi hija għan rikonoxxut u inkoraġġut mid-Direttiva 2006/112 (ara, f'dan is-sens, is-sentenzi Sosnowska, iċċitata iktar 'il fuq, punt 22 u l-ġurisprudenza ċċitata, kif ukoll tal-21 ta' Ġunju 2012, Mahagében u Dávid, C-80/11 u C-142/11, punt 41).

32 Madankollu, l-Istati Membri għandhom, b'konformità mal-prinċipju ta' proporzjonalità, jirrikorru għal mezzi li, filwaqt li jippermettu li jintlaħaq b'mod effettiv dan il-għan, jikkawżaw l-inqas preġudizzju għall-għanijiet u għall-prinċipji stabbiliti mil-leġiżlazzjoni tal-Unjoni, bħall-prinċipju fundamentali tad-dritt għal tnaqqis tal-VAT (ara s-sentenzi Sosnowska, iċċitata iktar 'il fuq, punt 23, u tat-12 ta' Lulju 2012, EMS-Bulgaria Transport, C-284/11, punt 69).

33 Fil-kawża preżenti, il-qorti tar-rinviju, li hija unikament kompetenti sabiex tinterpreta d-dritt nazzjonali kif ukoll sabiex tikkonstata u tevalwa l-fatti tal-kawża prinċipali, b'mod partikolari l-mod kif dan id-dritt huwa applikat mill-amministrazzjoni fiskali (ara, f'dan is-sens, is-sentenzi tas-16 ta' Frar 2012, van Laarhoven, C-94/10, Ġabra p. II-9963, punt 36, u tal-14 ta' Ġunju 2012, Banco Español de Crédito, C-618/10, punt 76), tindika li l-VID japplika l-Artikolu 285 tad-Digriet Nru 933 b'mod ġenerali u preventiv, abbażi ta' komputazzjoni purament matematika tal-fatt li l-eċċess tal-VAT inkwistjoni jkun iktar mill-perċentwali indikata f'dan l-artikolu, mingħajr ma jipproċedi għal evalwazzjoni partikolari tal-każ inkwistjoni, evalwazzjoni li fil-kuntest tagħha l-persuna taxxabbli kkonċernata jkollha l-possibbiltà li turi n-nuqqas ta' riskju ta' frodi jew ta' evażjoni tat-taxxa.

34 Kif enfasizzat il-Kummissjoni matul is-seduta, ma jidhirx li dawn l-indikazzjonijiet tal-qorti tar-rinviju huma inkonsistenti mat-termini tal-Artikolu 285 tad-Digriet Nru 933, li effettivament ma jissuġġettawx l-applikazzjoni ta' dan l-artikolu għall-eżistenza ta' indizji ta' frodi jew ta' evażjoni tat-taxxa.

35 Barra minn hekk, l-indikazzjonijiet ipprovduti lill-Qorti tal-Ġustizzja mill-qorti tar-rinviju ma jurux li d-deċiżjoni kkontestata, ibbażata fuq l-Artikolu 285 tad-Digriet Nru 933, ġiet adottata mill-VID fi tmiem eżami li seta' jiżvela tali indizji fil-kawża prinċipali.

36 Għandu jiġi kkonstatat li tali applikazzjoni preventiva u ġeneralizzata tal-Artikolu 285 tad-Digriet Nru 933 tikser il-prinċipju ta' proporzjonalità, kif stabbilit fil-ġurisprudenza mfakkra fil-punt 32 tas-sentenza preżenti (ara, f'dan is-sens, is-sentenza Sosnowska, iċċitata iktar 'il fuq, punti 24 sa 26).

37 Tali applikazzjoni tidher li hija inqas u inqas iġġustifikata mill-għan leġittimu tal-ġlieda kontra l-frodi jew l-evażjoni tat-taxxa minħabba li l-amministrazzjoni fiskali tista', skont l-Artikolu 12(11)(i) tal-Liġi dwar il-VAT, tipposponi r-rimbors ta' tali eċċess, b'mod partikolari, fil-każ li tiġi adottata deċiżjoni li tinfetaħ investigazzjoni dwar it-taxxa mħallsa mill-persuna taxxabbli abbażi ta' tranżazzjonijiet li l-verifika tagħhom tirrikjedi informazzjoni addizzjonali jew fil-każ li jkun impossibbli għall-persuna kkonċernata li tressaq provi dokumentarji dwar il-fondatezza tat-talba tagħha għall-impożizzjoni tar-rata żero (ara, b'analoġija, is-sentenza Sosnowska, iċċitata iktar 'il fuq, punt 28).

38 Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet preċedenti kollha, ir-risposta għad-domanda magħmula għandha tkun li l-Artikolu 183 tad-Direttiva 2006/112 għandu jiġi interpretat fis-sens li ma jawtorizzax lill-amministrazzjoni fiskali ta' Stat Membru tipposponi, mingħajr evalwazzjoni partikolari u filwaqt li tibbaża ruħha biss fuq kalkoli matematiċi, ir-rimbors ta' parti mill-eċċess tal-VAT li jirriżulta matul perijodu taxxabbli ta' xahar, sal-eżami tad-dikjarazzjoni tat-taxxa annwali tal-persuna taxxabbli minn din l-amministrazzjoni.

**Fuq l-effetti ta' din is-sentenza *ratione temporis***

39 Il-Gvern Latvjan talab lill-Qorti tal-Ġustizzja tillimita *ratione temporis* l-effetti tas-sentenza preżenti fil-każ li tinterpreta l-Artikolu 183 tad-Direttiva 2006/112 fis-sens li din tal-aħħar tipprekludi leġiżlazzjoni u prassi nazzjonali bħal dawk inkwistjoni fil-kawża prinċipali.

40 Insostenn tat-talba tiegħu, l-imsemmi gvern jiġbed l-attenzjoni, minn naħa, fuq ir-riskju ta' riperkussjonijiet gravi ta' tali interpretazzjoni fuq ir-riżorsi finanzjarji nazzjonali u, min-naħa l-oħra, fuq il-*bona fide* tal-amministrazzjoni fiskali Latvjana.

41 F'dan ir-rigward, għandu jitfakkar li l-interpretazzjoni li l-Qorti tal-Ġustizzja tagħti lil regola tad-dritt tal-Unjoni, fl-eżerċizzju tal-ġurisdizzjoni mogħtija lilha mill-Artikolu 267 TFUE, tikkjarifika u tippreċiża t-tifsira u l-portata ta' din ir-regola, hekk kif għandha jew kellha tinftiehem u tiġi applikata sa mill-mument tad-dħul fis-seħħ tagħha. Minn dan jirriżulta li r-regola hekk interpretata tista' u għandha tiġi applikata mill-qorti anki għal relazzjonijiet legali mnissla u kkostitwiti qabel is-sentenza li tiddeċiedi fuq it-talba għal interpretazzjoni jekk, *inter alia*, il-kundizzjonijiet li jippermettu li titressaq kawża dwar l-applikazzjoni tal-imsemmija regola quddiem il-qrati kompetenti jkunu sodisfatti (ara, b'mod partikolari, is-sentenza tal-10 ta' Mejju 2012, Santander Asset Management SGIIC *et*, C-338/11 sa C-347/11, punt 58 u ġurisprudenza ċċitata).

42 Huwa biss f'każijiet eċċezzjonali li l-Qorti tal-Ġustizzja tista', b'applikazzjoni ta' prinċipju ġenerali ta' ċertezza legali inerenti fl-ordinament ġuridiku tal-Unjoni, tillimita l-possibbiltà għal kull persuna kkonċernata li tinvoka dispożizzjoni li hija tkun interpretat sabiex tikkontesta relazzjonijiet ġuridiċi stabbiliti *in bona fide*. Sabiex tali limitazzjoni tkun tista' tiġi deċiża, huwa neċessarju li jkunu sodisfatti żewġ kriterji essenzjali, jiġifieri l-*bona fide* tal-persuni kkonċernati u r-riskju ta' diffikultajiet serji (ara, b'mod partikolari, is-sentenza Santander Asset Management SGIIC *et*, iċċitata iktar 'il fuq, punt 59).

43 B'mod iktar speċifiku, il-Qorti tal-Ġustizzja rrikorriet għal din is-soluzzjoni biss f'ċirkustanzi ferm speċifiċi, b'mod partikolari meta kien hemm riskju ta' riperkussjonijiet ekonomiċi serji dovuti b'mod partikolari għan-numru kbir ta' relazzjonijiet ġuridiċi kkostitwiti *in bona fide* fuq il-bażi tal-leġiżlazzjoni kkunsidrata bħala validament fis-seħħ u meta kien jidher li l-individwi u l-awtoritajiet nazzjonali kienu mħeġġa jadottaw imġiba li ma kinitx konformi mad-dritt tal-Unjoni minħabba inċertezza oġġettiva u sinjifikattiva fir-rigward tal-portata tad-dispożizzjonijiet tad-dritt tal-Unjoni, inċertezza li għaliha possibbilment ikkontribwixxiet l-imġiba stess adottata minn Stati Membri oħra jew mill-Kummissjoni (ara, b'mod partikolari, is-sentenza Santander Asset Management SGIIC *et*, iċċitata iktar 'il fuq, punt 60).

44 Huwa wkoll skont ġurisprudenza stabbilita li l-konsegwenzi finanzjarji li jistgħu jirriżultaw għal Stat Membru minħabba sentenza mogħtija fil-kuntest ta' talba għal deċiżjoni preliminari ma jiġġustifikawx, fihom infushom, il-limitazzjoni tal-effetti ta' din is-sentenza *ratione temporis* (ara, b'mod partikolari, is-sentenza Santander Asset Management SGIIC *et*, iċċitata iktar 'il fuq, punt 62).

45 Fil-kawża preżenti, għandu jiġi rrilevat, minn naħa, li l-Gvern Latvjan ma pproduċa ebda informazzjoni li tippermetti lill-Qorti tal-Ġustizzja tevalwa l-eżistenza, minħabba s-sentenza preżenti, ta' riskju ta' riperkussjonijiet ekonomiċi gravi għar-Repubblika tal-Latvja.

46 Min-naħa l-oħra, ma jistax jiġi kkunsidrat li l-amministrazzjoni fiskali Latvjana, fl-applikazzjoni tal-Artikolu 285 tad-Digriet Nru 933, kienet imħeġġa sabiex tadotta, *in bona fide*, imġiba li ma kinitx konformi mad-dritt tal-Unjoni minħabba allegata inċertezza oġġettiva u sinjifikattiva dwar il-portata tal-Artikolu 183 tad-Direttiva 2006/112. Fil-fatt, mill-ġurisprudenza diġà stabbilita qabel l-imsemmi digriet jirriżulta li, b'konformità mal-prinċipju ta' newtralità fiskali, li jikkostitwixxi prinċipju fundamentali tas-sistema komuni tal-VAT, il-metodi nazzjonali għar-rimbors ta' eċċess ta' VAT, imsemmija f'dan l-artikolu, għandhom jippermettu lill-persuna taxxabbli li tirkupra, taħt kundizzjonijiet xierqa u fi żmien raġonevoli, il-kreditu sħiħ li jirriżulta minn dan l-eċċess, mingħajr ma jitqiegħed xi riskju finanzjarju fuq din il-persuna taxxabbli (ara, f'dan is-sens, is-sentenza Il-Kummissjoni vs L-Italja, iċċitata iktar 'il fuq, punti 33 u 34).

47 Għaldaqstant, ma hemmx lok li l-effetti ta' din is-sentenza jiġu limitati *ratione temporis*.

## Fuq l-ispejjeż

48 Peress li l-proċedura għandha, fir-rigward tal-partijiet fil-kawża prinċipali, in-natura ta' kwistjoni mqajma quddiem il-qorti tar-rinviju, hija din il-qorti li tiddeċiedi fuq l-ispejjeż. L-ispejjeż sostnuti għas-sottomissjoni tal-osservazzjonijiet lill-Qorti tal-Ġustizzja, barra dawk tal-imsemmija partijiet, ma jistgħux jitħallsu lura.

Għal dawn il-motivi, Il-Qorti tal-Ġustizzja (It-Tielet Awla) taqta' u tiddeċiedi:

**L-Artikolu 183 tad-Direttiva tal-Kunsill 2006/112/KE, tat-28 ta' Novembru 2006, dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud, għandu jiġi interpretat fis-sens li ma jawtorizzax lill-amministrazzjoni fiskali ta' Stat Membru tipposponi, mingħajr evalwazzjoni partikolari u filwaqt li tibbaża ruħha biss fuq kalkoli matematiċi, ir-rimbors ta' parti mill-eċċess tat-taxxa fuq il-valur miżjud li jirriżulta matul perijodu taxxabbli ta' xahar, sal-eżami tad-dikjarazzjoni tat-taxxa annwali tal-persuna taxxabbli minn din l-amministrazzjoni.**

Firem